TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 8/15/GB

**Anthony Troisi**

**vs**

**Digitalzone – J.V. Meli Imports**

Illum 25 ta' Frar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal 'DVD recorder', li nxtara minghand l-intimat, liema 'DVD recorder' kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas m'attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob li jinghata 'DVD recorder' gdid minflok dak li kien xtara minghand l-intimat u li ghandu l-hsara, jew li jinghata l-flus lura li kien hallas, fl-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00). Dan huwa ghaliex wara li r-rikorrent hadu ghat-tiswija diversi drabi, baqa' kif kien, u dan waqt il-bidu tal-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi sena ilu huwa kien xtara 'DVD recorder' minghand l-intimat. L-intimat kellu wiehed biss fit-tieqa tal-hanut u huwa zbalja peress li accetta li jixtrieh. Sa wara xahrejn, huwa ma setax isib tarf ta' kif jahdem allavolja ipprova jsegwi l-istruzzjonijiet. Gimgha wara, habib tieghu gablu l-istruzzjonijiet u mexxielu. Ghadda z-zmien u dan id-'DVD recorder' beda jitlef l-istampa. Hadu ghand l-intimat ghat-tiswija hames darbiet, li kienu dejjem bla hlas, pero' kull darba kien jibqa' bl-istess difett. Stqarr illi huwa xtrah fi Frar 2014 u hames xhur wara bdew il-problemi. Bhalissa d-'DVD recorder' jinsab fil-pussess ta' l-intimat ghaliex kien rega' hadu ghat-tiswija pero' ma gabrux. Illi ghalhekk huwa ma jafx jekk issewwiex jew le.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.AT1; flimkien ma' kopja tal-garanzija u 'maintenance report', li gew immarkati bhala Dok.AT2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi t-talba tar-rikorrent hija wahda intempestiva, stante li huwa fetah il-proceduri odjerni qabel ma aċċerta ruhu li d-'DVD recorder' in kwistjoni fil-fatt ghadu bl-istess allegat difett, billi lanqas biss gabru minghand l-intimat wara li hallieh hemm ghat-tiswija, qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**